

Brussell, 5 ta' Frar 2021
(OR. en)

5609/1/21
REV 1

LIMITE

MOG 4
RELEX 46
COPS 31
COHOM 6
CFSP/PESC 54

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
Suġġett:	Djalogu UE-Renju tal-Arabja Sawdija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem - Termini ta' Referenza

1. Fis-16 ta' Mejju 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Lvant Nofsani/il-Golf approva l-Abbozz ta' Termini ta' referenza għall-Istabbiliment ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Arabja Sawdija u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (WK 6113/19).
2. Fil-21 ta' Jannar 2021, is-SEAE ħabbar lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Lvant Nofsani/il-Golf li kien intlaħaq qbil mar-Renju tal-Arabja Sawdija dwar l-Abbozz ta' Termini ta' Referenza.
3. Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Frar 2021, il-KPS approva l-Abbozz ta' Termini ta' referenza għall-Istabbiliment ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Arabja Sawdija u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif jinsab fid-dokument 5635/21.
4. It-Termini ta' Referenza ma jgħallix, u mhumiex maħsubin li jgħallix xi obbligu legali fuq naħa jew oħra skont id-dritt domestiku jew internazzjonali.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:

- jirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tat-Termini ta' Referenza għall-Istabiliment ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Arabja Sawdija u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif jinsabu fid-dokument 5635/21;
- jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub biex jawtorizza l-iffirmar tat-Termini ta' Referenza għall-Istabiliment ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Arabja Sawdija u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif jinsabu fid-dokument 5635/21.
